DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 305/2024

tas-6 ta' Diċembru 2024

li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim ŻEE [2025/567]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1956 tas-16 ta' Lulju 2024 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2323 li taġġorna l-Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti [1]għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XX tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 32fhd (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2323) tal-Anness XX tal-Ftehim ŻEE:

"- **32024 D 1956**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1956 tas-16 ta' Lulju 2024 (ĠU L, 2024/1956, 17.7.2024)."

Artikolu 2

It-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/1956 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fis-7 ta' Diċembru 2024, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Diċembru 2024.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Anders H. EIDE

[1] ĠU L, 2024/1956, 17.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/1956/oj.
(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.